# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 65/2025 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI 166A NUMRU 2121/2019: **MELITA LIMITED (C12715) V. LOUIS MIFSUD (KI. 76367M)**

(RIKORS GHAR-RIAVVJAMENT TA' TITOLU EŻEKUTTIV TAHT L-ART. 258 TAL-KAP. 12 – MINN META JIBDA JIDDEKORRI T-TERMINU GHALL-FTUH T'AZZJONI GHAL RIAVVJAMENT TA' ITTRA UFFICJALI INTAVOLATA TAHT L-ART. 166A REŻA EŻEKUTTIVA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**5 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Melita Limited (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Frar 2025[1] li permezz tiegħu talbet lill-Qorti s-segwenti fil-konfront ta' Louis Mifsud (hawn imsejjaħ "l-intimat"):

> **'Illi s-soċjeta' esponenti ġiet kanonizzata kreditriċi tal-imsemmija konvenuta u dan kif jirriżulta minn ittra uffiċjali magħmula skond Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta f'dawn l-atti.**
>
> **Illi s-soċjeta esponenti tikkonferma bil-ġurament illi l-kreditu in kwistjoni għadu dovut fl-intier tiegħu lis-soċjeta esponenti;**
>
> **Illi s-soċjeta esponenti tixtieq illi tenforza il-kreditu hekk kanonizzat permezz ta' ħruġ ta' mandat tas-sekwestru fil-konfront tal-konvenuta.**
>
> **Għaldaqstant, s-soċjeta esponenti qedgħa umilment titlob lill din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha sabiex tenforza il-kreditu tagħha hawn fuq imsemmi, u liema talba qedgħa ssir ai termini tal-Artikolu 258 (ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta."**

---

[1] Fol 1

wara li rat li fis-seduta tal-lum li kienet ġiet appuntata għas-smiegħ, għalkemm ġie debitament notifikat bir-rikors, l-intimat naqas milli jwieġeb jew milli jidher,

wara li rat ukoll li fis-seduta tal-lum ġie verbalizzat li l-*jurat* stampat fuq ir-rikors promotur jirrelata għal ġurament li ttieħed mill-Avukat Dr. Jodie Darmanin għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti, bl-awtorizzazzjoni tal-istess kumpanija rikorrenti,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija intavolat ir-rikors odjern sabiex titlob lill-Qorti li jiġi riattivat it-titolu eżekuttiv ottjenut minnha fil-konfront tal-intimat, konsistenti f'ittra uffiċjali maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra ġiet intavolata fit-12 ta' Lulju 2019 u ġiet reża eżekuttiva **<u>fit-22 ta' Novembru 2024</u>**.

2. L-Art. 258 tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:

> **'258. Wara -**
>
> **(*a*) l-għeluq ta' ħmistax-il sena minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafu (*a*), (*ċ*) u (*d*) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Superjuri seta' ġie esegwit; jew**
>
> **(*b*) l-għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (*a*), (*ċ*) u (*d*) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal- Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew**
>
> **(*ċ*) l-għeluq ta' <u>ħames snin</u> minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (*b*) u (*e*) tal-artikolu 253, jew <u>rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta' ġie esegwit</u>, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.'**

3. Issa skont l-Art. 166A tal-Kap. 12:

> **'166A (4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum min-notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-**

**parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).'**

4. L-Art. 166A(4) jagħti wieħed x'jifhem illi appena d-debitur ma jopponix it-talba fiż-żmien prefiss mill-liġi, allura l-ittra uffiċjali ssir *ex-lege* titolu eżekuttiv. Madanakollu l-Art. 166B jipprovdi mod ieħor f'dan ir-rigward:

   **'166B. (1) Ittra uffiċjali maħruġa skont l-artikolu 166A <u>ma tkunx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv</u> sakemm ma tkunx ġiet reġistrata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' dawk l-ittri uffiċjali bħala titoli eżekuttivi.**

   **(2) L-applikant għar-reġistrazzjoni ta' ittra uffiċjali li tkun tikkwalifika bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti kopja legali tal-ittra uffiċjali, inkluża l-prova**
   **tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun ġiet riċevuta għaliha jekk ikun hemm.**

   **(3) Meta jirċievi d-dokumenti msemmija fis-subartikolu (2) ir- Reġistratur għandu jeżamina d-dokumenti ppreżentati, jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta' tweġiba fiż-żmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu, huwa għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f 'reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta' Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet tal-artikolu 166A.'**

5. Għalkemm l-Art. 166A(4) setgħet ġiet redatta bi kliem aktar feliċi, d-diċitura tal-Art. 166B ftit li xejn tħalli xi dubbji dwar l-intenzjoni tal-leġislatur fis-sens illi dan ried illi l-ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-Art. 166A li ma tkunx ġiet imwieġba mid-debitur fi żmien 30 jum min-notifika, **<u>m'għandhiex tikkostiwixxi titolu eżekuttiv qabel ma tiġi reġistrata bħala tali taħt l-Art. 166B.</u>**

6. Issa kif ingħad, għalkemm l-ittra uffiċjali *de quo* ġiet ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2019, din ġiet notifikata lid-debitur fil-25 ta' Lulju 2019 u ġiet reża eżekuttiva **<u>fit-22 ta' Novembru 2024</u>**.

7. L-Artikolu 258 tal-Kap. 12, riprodott aktar 'l fuq, jitkellem dwar ir-riavvjament ossia' it-tiġdid tal-eżegwibilita' ta' titoli eżekuttivi, wara li jkun għadda numru ta' snin minn fuqhom. Is-subinċiż (3) jittratta *inter alia* dwar l-għeluq ta' 5 snin minn dakinhar li *"l-proċeduri meħudin skont l-Art. 166A setgħu jiġu eżegwiti".* Din il-Qorti diġà kellha l-okkażjoni, f'sentenzi riċenti, tidħol fuq id-distinzjoni bejn titolu eżekuttiv u l-eżegwibilita' tiegħu:

"...il-Qorti però tara illi hemm elementi komuni x'jiġu kkunsidrati fosthom **id-distinzjoni kruċjali bejn titolu eżekuttiv u l-eżegwibilita'/eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv**.

Kif qalet tajjeb il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha fl-ismijiet **George Edward Spiteri v. Marsaxlokk Football Club et.** (PA, Rik 95/2016 LM, 15/07/2016):

> *"It-titlu eżekuttiv jista' jiġi akkwistat b'diversi modi li huma msemmijin fl-artiklu 253 tal-Kap 12: permezz ta' sentenza jew digriet tal-Qorti; lodo ta' arbitru; deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar; ftehim ta' medjazzjoni reżi inforzabbli skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Medjazzjoni; kuntratti ppubblikati minn Nutar fejn il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' xi att; u l-kambjala."*

**Illi b'danakollu, l-akkwist ta' titolu eżekuttiv ma jfissirx li jista' jiġi infurzat dejjem u minnufih** (sottolinear u emfażi miżjuda minn din il-Qorti). Kif għadu kif ingħad, kull sentenza tal-Qorti hija titolu eżekuttiv (Art. 253(a)), iżda ċerti sentenzi huma eżegwibbli wara li jgħaddu 24 siegħa minn meta jiġu ppronunzjati (Art. 255 Kap 12) filwaqt li s-sentenzi definittivi l-oħrajn huma inforzabbli wara jumejn mill-pronunzja (Art. 256 Kap. 12). Ħlief għal ċerti eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 267 tal-Kap. 12, sentenza li tkun appellata ma tkunx inforzabbli ħlief fuq talba ta' xi parti interessata (Art. 266(1) Kap 12). Mela sentenza tal-Qorti, għalkemm hija titolu eżekuttiv, u ssir hekk appena tiġi ppronunzjata, mhix inforzabbli qabel ma ssir res judicata, ċjoè jekk ma tkunx appellabbli, meta jgħaddi t-terminu tal-appell u ma jsirx appell, inkella meta jsir appell u jinqata'..."

Fir-rigward ta' kambjala li tkun immaturat il-liġi hija ċara fis-sens illi din hija **titolu eżekuttiv** bis-saħħa tal-Art. 253(e) tal-Kap. 12. Il-kreditur m'għandu jagħmel xejn sabiex irendi il-kambjala bħala titolu eżekuttiv, b'kuntrast per eżempju mal-kreditur li jintavola ittra uffiċjali taħt l-Art. 166A u li ma tkunx ġiet ikkuntestata mid-debitur entro tletin (30) ġurnata min-notifika, li jrid ta' bilfors jirreġistra dik l-ittra taħt l-Art. 166B tal-Kap. 12 sabiex jottjeni titolu eżekuttiv."[2]

8. Huwa ċar għalhekk illi l-Art. 258(ċ) ma jistax jiġi invokat mill-kumpanija rikorrenti fil-każ preżenti għaliex għalkemm għaddew iżjed minn ħames snin mill-iskadenza ta' 30 jum wara n-notifika tal-ittra uffiċjali lid-debitur, it-titolu eżekuttiv innifsu ma twelidx qabel it-22 ta' Novembru 2024 u ħames snin għadhom m'għaddewx minn din id-data. Huwa minn din l-aħħar data li t-titolu eżekuttiv[3] ***seta' jiġi eżegwit*** u mhux mill-ewwel data. Fi kliem ieħor il-kumpanija rikorrenti m'għandha bżonn l-ebda awtorizzazzjoni minn xi Qorti sabiex tqajjem mill-ġdid l-eżegwibilita' tat-titolu

[2] **CoseCasa Ltd v. Jake Gauci** (Rik. 57/2024, deċiż 8 ta' April 2024)
[3] L-ittra uffiċjali waħedha (i.e. mingħajr ma tkun reża eżekuttiva) ma tista' qatt tiġi eżegwita (għax mhijiex titolu eżekuttiv) iżda tista' biss tiġi reża eżekuttiva ai termini taħt l-Art. 166B.

eżekuttiv ottjenut għaliex dan tista' tenforzah meta trid almenu sat-22 ta' Novembru 2029!

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tiċħdu bl-ispejjeż kontra l-kumpanija rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |